# KUNSILL LOKALI ISLA

# IL-ĦAMES KUNSILL

# LAQGĦA NUMRU SEBGĦA

Il-laqgħa tal-Kunsill li kellha ssir nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2005 fis-6.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'numru 197, Triq San Ġużepp, Isla.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | 0 | | |

**AĠENDA**

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Quotation Insurance Policy.
(4) Żjara studenti Cassino (Kors fl-Ingliż).
(5) Rakkomandazzjoni tas-Sotto-Kumitat (Ħruġ ta' Tenders).
(6) Aċċettazzjoni ta' Tenders.
(7) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti.

*Sospensjoni tar-Regolamenti*

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-Regolamenti biex wara item (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku jidħol item (3) Mistoqsijiet u wara item (6) Aċċettazzjoni ta' Tenders jidħol item (7) Ilmenti.

## 7 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

Billi l-minuri ġew imqassma minn qabel dawn ġew meħuda bħala moqrija.

7(1).1 Fuq proposta tal-Kunsillier Reno Chircop issekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar, il-Kunsill approva l-minuti nem con. kif ippreżentati.

## 7 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-ħidma li saret mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

7 (2).1 Kummissarju għat-Tfal ( 17/06/05)

Is-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Reno Chircop kellhom laqgħa mas-Sinjura Sonia Camilleri, Kummissarju għat-Tfal fejn ġew diskussi problemi li jiltaqgħu t-tfal u ż-żgħażagħ tal-lokal.

Ġie iinutat ukoll l-isforzi tal-Kunsill biex jinstab post adekwat fejn iż-żgħażagħ u t-tfal ikunu jistgħu jirrikrejaw ruħhom.

7 (2).2 Seminar – Esperjenza f'libreriji Pubbliċi (17/06/05)

Is-Sinjura Graziella Cassar Gellel attendiet għal dan is-seminar f'isem il-Kunsill. Ġie diskuss il-possibilta' ta' bdil ta' kotba bejn il-libreriji lokali, iżda dan jista' jsir wara li s-sistema tkun kompjuteriżżata.

7 (2).3 Kuntratt – Summer Club (20/06/05)

F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi temi, fosthom « time frame » tal-proġett, qsim ta' Responsabbiltajiet u sigurta' fil-kamra fejn ser isiru dawn l-attivitajiet (kopja tal-Minuti mehmuża).

7 (2).4 Queen's Own Band Club (27/06/05)

Saret laqgħa mal-Kumitat ta' din il-Banda dwar l-attivitajiet li ser isiru fil-programm Isla Street Festival bħala attivita' ta' fund raising mill-ħbieb ta' St. Luke's Hospital Foundation.

7 (2).5 Ministru Jesmond Mugliette fil-kunsill Lokali (24/06/05)

Fuq talba ta' l-istess Kunsill, il-Ministru Jesmond Mugliette żar ix-xogħol li qed isir mill-Ministeru biex jissewwew il-ħsarat li ġarrab il-moll ta' l-isla.

Saru diskussjonijiet oħra rigward ix-xogħol ta' toroq dwar il-ftehim li l-Kunsill għamel ma' l-ADT.

Il-ministru ħeġġeġ lill-Kunsill biex jikteb lill-ADT għal estensjoni tal-kuntratt kif ukoll biex Triq il-Kappillan franġisk Azzopardi tiġi nkluża fil-kuntratt ta' toroq li hemm maħsub li jsiru fil-jiem li ġejjin. Huwa kien lest li japprovahom.

7 (2).6 Proġett Summer Club (27/06/05)

Saret laqgħa oħra ta' dan is-Sotto Kumitat dwar it-tfassil tal-Priġett Summer Club. Ġew żviluppati t-temi li kienu ser jiġu trattati fis-sessjonijiet ta' filgħodu u dawk ta' l-outreach (kopji tal-Minuti mehmuża).

7 (2).7 Laqgħa mal-Kumitat Sezzjonali PN - Isla (04/07/05)

Għal din il-laqgħa li saret fuq stedina mis-Sindku Joseph Casha kienu preżenti; walter ahar Viċi Sindku, Charmaine Gerada, Reno Chircop u Louis Henwood, Kunsilliera kif ukoll il-membri kollha tal-Kumitat Sezzjonali PN, Isla (Ara rapport dettaljat mehmuż).

7 (2).8 Laqgħa Sterling Security (CCTV)

F'din il-laqgħa s-Sindku Joseph Casha elenka d-diffikultajiet li l-Kunsill qed jiltaqa' magħhom fil-lokal ;

- Parking tal-karozzi fuq bankini
- Over speeding
- Skips li mhux qed jintużaw sew
- Loading Bays qed jintużaw bħala parking spaces minflok.

Min-naħa tagħhom Sterling security ma' jarawx li Kunsill bħal tagħna jista' juża servizzi ta' over speeding camera li waħedha biss tqum lm 27, 000.

Rigward servizzi ta' camera dawn huma fixed u jaqbdu biss azzjoni statika bħal double parking f'kantunieri. Dawn jitħaddmu mill-impjegati tagħhom li jkunu qed jagħmlu monitoring ta' dak li jkun qed isir. Jista' jitqiegħed ukoll monitor fil-kunsill.

Ir-rata ta' ħlas għal dan is-servizz huwa ta' Lm 10 kulljum u Lm 100 plus VAT għal kull stallazzjoni lissir.

Dawn il-cameras jiġbdu 360°. Huma stiednu lill-Kunsill biex imur l-uffiċċju tagħhom biex jara t-tagħmir u kif jitħaddem.

7 (2).9 Stat ħażin li tinsab fih il-Maċina

Is-Sindku Joseph Casha wera d-dispjaċir u d-diżappunt tiegħu għall-mod kif il-Maċina qed titħalla titkisser u titfarrak u f'telqa kbira.

Is-Sindku qara' l-ittra li kiteb lill-Consortium Port Cottonera (Maċina Development), kopja lill-Ministru Tonio Borg u lill-Kummissarju tal-Pulizija.

*Nota : Il-Kunsillier Charmaine Gerada daħlet għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-ħin kien 6.50pm.*

7 (2).10 *Summer Club – Litracy Course*

Is-Sindku Joseph Casha informa lill-Kunsill li bħas-sentejn li għaddew ingħata bidu għas-summer Club imtella' mill-kunsill bil-kollaborazzjoni ta' l-FES.

Dan ingħata bidu għalih nhar l-Erbgħa 6 ta' Lulju, 2005 u jidher li sejrin tajjeb ħafna bl-għanjuna u l-appoġġ li l-volontiera u l-ġenituri qegħdin jagħtu.

7 (2).11 *Isla Street Festival*

Is-Sindku Joseph Casha ressaq draft programme ta' attivitajiet li ser isiru bejn il-5 u s-6 ta' Awwissu, 2005 bil-għan li jiġu miġbura fondi mill-organiżazzjoni Friends of St. luke's Hospital Foundation, Lions Club La Vallette f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Isla. (Kopja ta' dan id-draft programme huwa mehmuż.

Waqt id-diskussjoni ta' dan il-programm il-Viċi Sindku Walter Ahar ġibed l-attenzjoni u rrimarka li mill-attivitajiet kollha li ser isiru f'diversi postijiet ma' hemm xejn indikat fix-Xatt.

Inġibdet l-attenzjoni li Walter Ahar il-Viċi Sindku li huwa qiegħed f'kunflitt ta' nteress meta qed jitkellem fuq ix-xatt.

Il-Viċi Sindku stqarr li ma' jistgħax ikun li jaqbel ma' dan għax allura kull darba li jkun qed jissemma' x-Xatt huwa jkollu jirrikuża ruħu mil-laqgħa bil-kosnsegwenza li ma' jkunx jista' jaqdi dmiru kollu bħala Kunsillier tal-lokal.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-iskop ta' din l-attivita' hija li jiġu miġbura fpndi mill-organiżazzjoni Friends of St. Luke's u żgur ma' jistgħax jintlaħaq l-għan peress li fix-Xatt stess hemm ħafna ħwienet tax-xorb u bl-ikel.

Huwa ġa awtorizża lill-Kunsillier Louis Henwood biex jitkellem mas-sidien tal-ħwienet u naraw jistgħux jisponsorjaw din l-attivita' u b'hekk isir kompromess u l-attivita' ssir fix-Xatt.

Għal dan u bħala protesta għall-mod kif ġie insinwat fuqu, huwa telaq il-barra mil-laqgħa. Is-sindku sejjaħ kemm il-darba lill-Viċi Sindku biex jidħol lura pero' baqa' nieqes sakemm intemmet il-laqgħa.

Il-kunsill kompla bil-laqgħa u approva id-draft programme kif ippreżentat.

## 7 (2).12 Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn l-10 ta' Ġunju u l-1 ta' Lulju, 2005 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1475/05/I* *Seminar – Malta Playing Fields Association (24/06/05)*

Il-Kunsillier Reno Chircop attenda għal dan is-seminar. Huwa nforma lill-Kunsill li l-Kunsill seta' jibbenefika jekk jidħol membru tal-MPFA.

*04/1477/05/I* *Queen's Own Band Club*

Saru talbiet mis-Sezzjoni Żgħażagh ta' din il-Banda biex isiru attivitajiet f'Misraħ 4 ta' Settembru fi żmien il-festa. Għandha ssir laqgħa magħhom.

*04/1481/05/I* *Police Liaison Officers*

Fuq talba ta' l-Assisstent Kummissarju Lawrence Cauchi, l-Kunsill ser jorganiżża laqgħat mal-liaison officer.

*04/1496/05/I* *Culture Tracks*

Dawn kitbu dwar ilment li ressqulhom is-Sinjuri Mangion u Abela. Il-Kunsill infurmajom li din kienet biċċa nterna tal-Kunsill u jekk dawn is-Sinjuri kellhom xi jgħidu setgħu għamlu dan dirett lill-Kunsill. Għal Kunsill dan kien każ magħluq.

*04/1499/05/I* *Aġenzija Appoġġ - Skema "Home Start"*

Il-Kunsill qed jikkunsidra li jieħu sehem.

*04/1514/05/I* *Mużew Storiku f'Cassino*

Is-Sindku ġie mistieden mill-Comune di Cassino biex jattendi għall-ftuħ ta' dan il-Mużew.

*04/1517/05/I* *Xogħol fi Triq San Ġużepp*

Il-Perit Manuel Grech informal ill-Kunsill bil-programm ta' xogħol li ser jitwettaq f'din it-triq. (Kopja mehmuża).

*04/1425/05/I* *Embellishment fix-xatt ta' l-Isla (PA 04052/04)*
*04/1426/05/I* *Embellishment f'Misraħ Andrea Debono (PA 04051/04)*

Id-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Propjeta' fi ħdan il-Ministeru ta' l-Intern informa lill-Kunsill biex jgħaddi dawn l-applikazzjonijiet għall-attenzjoni ta' l-ADT.

*04/1531/05/I* *Commonwealth Youth Forum, Malta – 16 sa 23 ta' Novembru, 2005*

Biex il-Kunsill jinnomina żgħażagħ mil-lokal bħala delegati f'dan il-forum.

*04/1566/05/I* *Kumitat għar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera*

Intbagħat rendikont tal-flus kif intefqu u qed ikunu kommettuti li jintefqu matul l-2005.

*04/1570/05/I* *Laqgħa mas-Senglea Athletic F. C.*

Din il-laqgħa għandha ssir wara l-4 ta' Lulju, 2005.

*04/1571/05/I* *Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Tiġdid tal-Kuntratt ta' l-ISP*

Il-Kunsill informa lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li sa issa għadu ma' ġeddiddx il-kuntratt ma' l-Internet Service Provider (ISP).

*04/1577/05/I* *Shelters*

*04/1578/05/I* *Mistoqsija Parlamentari 8875 dwar Memo 17/2005*

L-assoċjazzjoni Kunsilli Lokali infurmat lill-Kunsilli Lokali biex ma' jweġbhux għat-talbiet ta' tagħrif dwar din il-mistoqsija.

*04/1596/05/I* *Summer Club*

Mehmuż il-minuti tal-laqgħa tal-preparamenti għal dan il-proġett mill-Kumitat ta' azzjoni.

*04/1613/05/I* *Football Pitch 5-a-side – Dawret Ix-Xatt*

Il-Perit Lawrence Mintoff f'isem il-Kunsill bagħat is-submission għal dan il-proġett.

*04/1615/05/I* *Proġett – Walled Towns Friendship Circle*

Il-Kunsill għadu qed jikkunsidra din it-talba biex jissieħeb f'dan il-proġett.

*Bibljoteka Nazzjonali*

Il-Kunsill ġie mgħarraf bil-proġett "Tell me More" kif ukoll bin-newsletter li ħarġet fl-1 ta' April, 2005.

*Stedina mill-Ambaxxata Franċiża*

Is-sindku u s-Sinjura tiegħu ġew mistiedna mill-Ambaxxatur Franċiż f'Jum Franza fl-14 ta' Lulju, 2005.

## 7 (3) Mistoqsijiet

Il-Kunsill tratta tlett mistoqsijiet min-numru 5 san-numru 7/2005 imressqa bil-miktub mill-Kunsillier Louis Henwood.

## 7 (4) Kwotazzjoni - Insurance Policy għall-Kunsill Lokali

Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-Kunsill li ġew mistiedna 5 kumpaniji ta' l-Insurance biex jibgħatu l-kwotazzjoni tagħhom. Wieġbu tnejn biss ; AON Insurance u AllCare Insurance Agency Ltd. (Kopji mehmuża).

7(4).1 Wara diskussjoni fit-tul u fid-dettal, il-Kunsill qabel li jagħżel il-kwotazzjoni ta' AllCare Insurance Ltd li għalkemm għola mill-oħra hija aktar vantaġġjuża.

7(4).2 Fuq proposta tal-Kunsillier Louis Henwood issekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-offerta ta' Allcare Insurance Ltd.

## 7 (5) Żjara studenti Cassino (Kors fl-Ingliż)

Il-Kunsill iddiskuta t-talba li l-Comune di Cassino kien għamlilna żmien ilu biex żgħażagħ minn Cassino jiġu għal kors ta' l-Ingliż f'Malta.

7(5).1 Il-Kunsill kien diġa ħadem ħafna fuq din il-proposta u kien ippropona l-aħjar skola f'Malta għat-talba tagħhom.

7(5)2 Wara diskussjonijiet fit-tul, il-Kunsill kien tal-fehma li bħala parti mill-ftehim ta' ġemellaġġ, dan il-kors għandu jiġi sponsored mill-Kunsill bħala parti mill-proġett ta' edukazzjoni fl-ambitu tal-ġemellaġġ.

7(5)3 Għaldaqstant il-Kunsill qabel li fil-laqgħa li jmiss iressaq u japprova riżoluzzjoni biex dan il-kors jiġi offrut gratis a spejjeż tal-Kunsill lilt mien żgħażagħ u leader mill-Belt ta' Cassino.

7(5)4 L-ammont propost ma' għandhux jaqbeż is-somma ta' Lm 1, 200 biex jipprovdi għat-tagħlim, l-akkomodazzjoni u attivitajiet ta' filgħaxija għal madwar ġimgħa.

## 7 (6) Rakkomandazzjoni tas-Sotto Kumitat (Ħruġ ta' Tenders)

Is-Sindku Joseph Casha qara' r-rapport ta' l-Adjudicating Board għal xogħol ta' embellishment works (EMB-04) u Xogħol ta' Resurfacing (PR-04) – Kopji mehmuża.

7 (6).1 Embellishment f'Misraħ Andrea Debono (EMB-04) - Minħabba li dan il-Misraħ ser jintmiss mill-Gvern Ċentrali fix-xogħol ta' Rikostruzzjoni ta' housing li ser issir madwaru saret proposta biex il-Kunsill jieqaf milli jieħu deċiżjoni fuq din it-tender għal issa.

7 (6).2 Ġie propost ukoll li l-Kunsill jikteb lid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar biex jekk kemm il-darba dan il-Misraħ jintmiss fix-xogħol propost, allura jipproponi lid an id-Dipartiment ikompli bix-xogħol kif propost għas-spejjeż tiegħu.

7 (6).3 L-ispiża hija kkalkulata li ma' tkunx aktar minn Lm 5, 000.

7 (6).4 Rigward ix-xogħol ta' Paving u Resurfacing (PR-04) il-Kunsill kien tal-fehma li qabel jieħu deċiżjoni jibgħat ir-rapport ta' l-Adjudicating Report lill-Perit flimkien ma' l-offerti mitfugħa.

7 (6).5 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## 7 (7) Aċċettazzjoni ta' Tenders

Din ġiet trattata fl-item 6.

## 7 (8) Ilmenti

*Ilment Numru 15/B* Il-Kunsill tkellem mal-familja kkonċernata u huwa nfurmat li sar rapport lill-pulizija mill-istess familja minħabba l-attitudni xejn tajba mir-resident li qed jilment lejn l-anzjani.

*Ilment Numru 16/B* Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni lid-Dipartiment tas-Saħħa u d-Direttur tad-Dipartiment tal-bini u Tiswija tad-Djar dwar din il-problema. Il-Kunsill huwa nfurmat li dan il-post dalwaqt jaqa'.

*Ilment Numru 18/B* Għandha tinkiteb ittra lir-residenta fejn ninfurmaha li l-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet mal-kumpanija Waste Serve kif ukoll li ser jiġu allokati litter bins fil-lokal.

*Ilment Numru 19/B* Għandha tinkiteb ittra lil dan ir-resident fejn ikun mgħarraf li l-Kunsill ressaq dan il-każ għall-attenzjoni ta' l-awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku.

*Ilment Numru 20/B* Dan l-ilment ser jitressaq għall-attenzjoni tal-Viċi Sindku li huwa nkarigat mill-ambjent.

*Ilment Numru 21/B* Il-Kunsill għandu jikteb ittra lil din ir-residenta fejn jispjega li m'hemm xejn fil-Liġi Maltija li jgħid li ħadd ma' jista' jrabbi tjur fir-residenza tiegħu.

Għandha tkun infurmata wkoll li l-Kunsill ma' jidħolx f'dan il-każ.

*Ilment Numru 22/B* Il-Kunsill ser jagħmel dak li jista' u jitlob il-protezzjoni tal-Marittmu biex ma' jkunx hemm periklu għall-għawwiema.

*Ilment Numru 23/B* Dan l-ilment ser jitressaq għall-attenzjoni tal-Viċi sindku li huwa nkarigat mill-ambjent.

*Ilment - Latrina tal-ponta* Dan l-ilment ġie solvut.

## 7 (9) Approvazzjoni u l-iffirmar ta' l-ordnijiet ta' pagamenti

Il-Kunsillier Charmaine Gerada issekondata mill-Kunsillier Reno Chircop ipproponiet li jsir il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 6, 349.58ċ.

Dawn ġew approvati nem. con.

## 7 (10) Ħlas lil Culture Tracks

Il-Kunsill approva l-ħlas ta' 1, 500 Euros bħala management fee għall-proġett Town Twinning Project 2005 li hu ppjanat li jsir u li l-Kunsill applika għalih lill-kummissjoni Ewropeja. Dokumenti mehmuża.

*Nota : Il-Viċi Sindku Walter Ahar baqa' nieqes sakemm intemmet din il-laqgħa.*

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmgħet fid-9.05pm.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

________________________ ________________________

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Segretarju Eżekuttiv